MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 785/2005

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited (C-8692)**
**vs**
**Mario Nolav**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' April, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltija (Lm226.00), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut.**
**Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-15 ta' Settembru, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltija (Lm226.00) bl-imghaxijiet legali mill-11 ta' Lulju, 2005.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------